## GUDIKATUR: DR AUDREY J DEMICOLI LL.D.

### SEDUTA TA' NHAR IT-TNEJN, 24 TA' SETTEMBRU, 2001

*Avviz. Nru 199/01 AJD*

Enemalta Corporation

vs

Alfred Spiteri

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-22 ta' Marzu, 2001, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-korporazzjoni attrici s-somma ta' mija u tlettax il-lira Maltin u sebgha u tletin centezmu (Lm113.37) rappresentanti prezz ta' danni kawzati mill-konvenut Alfred Spiteri fuq propjeta' tal-Korporazzjoni Enemalta, f'Cat's Lane, Birkirkara, fil-31 ta' Jannar, 1997.

Ra r-risposta tal-konvenut fejn dan eccepixxa:-

1. Illi preliminarjament, it-talba attrici hi preskritta taht it-termini ta' l-Art. 2153 tal-Kodici Civili.

2. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, it-talba attrici hi nfondata fil-fatt u fid-dritt stante illi d-danni kkawzati m'huma bl-ebda mod imputabbli lill-konvenut.

3. Illi ghaldaqstant, it-talba attrici ghandha tigi michuda, bl-ispejjez kontra s-socjeta' attrici.

Ha konjizzjoni tad-dokumenti esibiti mill-partijiet.

Sema' t-trattazzjoni tal-avukati difensuri tal-partijiet dwar l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni sollevata mill-konvenut.

Ikkunsidra:

1. Illi l-konvenut qed jeccepixxi l-preskrijoni ai termini tal-Artikolu 2153 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe' il-preskrizzjoni ta' sentejn.

2. Illi l-Korporazzjoni attrici tikkontendi li l-preskrizzjoni giet interrotta permezz tal-ittra ufficjali li hija prezentat fit-18 ta' Dicembru, 1998.

3. Illi din l-ittra ufficjali giet debitament esibita f'dawn l-atti permezz ta' nota tat-3 ta' Lulju, 2001, u hija mmarkata bhala Dok. EN1.

4. Illi r-riferta ta' din l-ittra ufficjali, liema riferta hija datata 12 ta' Jannar, 1999, tindika li l-konvenut ma giex notifikat b'din l-ittra ufficjali.

5. Illi l-Artikolu 890 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta jistabbilixxi li sabiex ittra ufficjali tinterrompi l-preskrizzjoni, l-ittra ufficjali trid tigi notifikata lill-persuna intimata.

6. Illi l-incident mertu tal-kawza sehh f'Jannar, 1997, u l-kawza odjerna giet intavolata fit-22 ta' Marzu, 2001.

7. Illi ghalhekk it-talbiet attrici jirrizultaw preskritti ai termini tal-Artikolu 2153 tal-Kap. 16.

Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal jiddeciedi billi jilqa' l-ewwel eccezzjoni sollevata mill-konvenut u jiddikjara t-talbiet attrici preskritti ai termini tal-Artikolu 2153 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

L-ispejjes ta' din l-istanza jithallsu mill-Korporazzjoni attrici skond il-ligi

AV. AUDREY J. DEMICOLI
GUDIKATUR